**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tad-99 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 24 ta'Marzu 2011 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**99/01 Talba**

**99/01/01** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**99/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 98**

**99/02/01** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill nru 98. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**99/03 Punti mtella' mill-minuti**

**99/03/01** ***Para 98/03/01 – Xoghlijiet fi Triq San Gwann***: Is-Sindku nforma li kienu saru hafna mill-*markings* pero kien ghad jonqos ohrajn xi jsiru specjalment quddiem xi garaxxijiet. Gie unanimament deciz li jigi pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi quddiem l-ewwel ir-residenza min-naha tan-Naxxar filwaqt li mill-*hump* lejn ir-rahal ghandu jsir *dotted central line* sal-kantuniera ma' Triq Stiefnu Zerafa.

Is-Sindku informa ukoll li resident kien ilmenta li qed jidhollu xi ilma fil-*basement* tieghu. Dan l-ilment kien gie mghoddi lil-WSC.

**99/03/02** ***Para 98/03/02 – Xoghlijiet taht l-iskema PPP***: L-Agent S.E. informa li aktar kmieni din il-gimgha flimkien mal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill kienu tkejjlu l-ahhar toroq li kienu saru sabiex ikunu jistghu jinhadmu l-kontijiet. Rigward il-*core-cuts* sabiex isiru t-testijiet fuqhom huwa qal li dawn ghandhom isiru l-gimgha d-diehla.

Rigward il-*culvert* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn, l-Agent S.E. informa li wara l-WSC u TM kienu irrifjutaw li jaghmlu x-xoghol ta' tindif konna ippruvajna ngibu stima minghand Polisal izda konna gejna nfurmati li peress li l-*culvert* huma mhaffer fil-blat u mhux katusa fit-tond, il-*power jet* ma jahdimx sew u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li dan isir specjalment ukoll minhabba l-ispejjez involuti. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ghalissa ma jsir xejn iktar f'dan ir-rigward.

Rigward l-ilment li kien gie mghoddi lill-MEPA konna ghadna qed nistennew lill-*enforcement officer* sabiex jigi fuq il-post u jinvestiga.

L-Agent S.E. informa wkoll li l-bierah fi Triq tal-Ferha l-kuntrattur kien beda jahdem

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

sabiex jirranga t-triq skond kif issuggerixxa l-Perit tal-Kunsill. Dawn wara li konna hrigna *Default Notice* peress li l-kuntrattru ghall-bidu kien qed jirresisti li jaghmel dan ix-xoghol.

Giet epprezentata l-kwotazzjoni sabiex parti mal-genb ta din it-triq issir bil-konkos skond kif approva l-Kunsill. Din tammonta ghal € 1,300 + VAT u peress li l-Kunsill qies din il-kwotazzjoni bhala gholja, gie unanimament deciz li dan ix-xoghol issir mid-Dipt. tad-Distretti.

Rigward it-talba tal-Kunsill sabiex tigi installata *crash barrier* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn konna ghadna qed nistennew minghand TM.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:35 pm***

**99/03/03** ***Para 98/03/03 – Bozza moghttija bis-Sigar***: Wara diskussjoni gie unanimament deciz li jekk sal-ahhar ta' Marzu, l-Enemalta ma tkunx ikkonfermat li ser twahhal il-bozza fuq arblu a spejjez taghha, l-Kunsill ghandu jinsisti mas-sid sabiex tittawwal l-*arm* tal-bozza u jinsisti mal-kuntrattur sabiex dan iwahhal il-bozza hekk kif tkun imtawla.

**99/03/04** ***Para 98/03/04 – Hmieg tal-Hamiem***: L-Agent S.E. informa li hu kien kellem lis-sid li nfurmah li kien ghadu qed jistenna minghand l-importatur tal-*bird spikes* tal-plastik sabiex ikun jista jara dawn humiex accettabbli ghall-Enemalta. Il-Kunsillier M. Mifsud gab *sample* ta' dawn il-*bird spikes* sabiex l-Agent S.E. jghaddiha lis-sid. Gie unanimament deciz li ghandna ninsistu sabiex din il-problema tissolva kemm jista jkun malajr.

**99/03/05** ***Para 98/03/05 – Restawr Pittura***: Giet epprezentata l-kwotazzjoni sabiex issir il-plakka pero din giet meqjusa bhala gholja mill-Kunsill u gie unanimament deciz li jingiebu kwotazzjonijiet ohra. Il-Kunsillier P. Fenech offra li jgib kwotazzjoni huwa wkoll minghand wiehed li jaghmel dan ix-xoghol.

**99/03/06** ***Para 98/03/06 – Festival tal-Halib 2011***: L-Agent S.E. ta dettalji dwar l-ahhar preparamenti ghal din l-attivita' u kkonferma li kien intlaqhaq ftehim dwar it-trasport pubbliku. Huwa qal li l-Ispettur tad-Distrett kien talab li jkun hemm 2 Pulizija u 3 Gwardjani Lokali prezenti waqt l-attivita' kif ukoll li jingiebu 6 *barriers* sabiex ikunu jistghhu jinghalqu xi toroq.

Gie unanimament deciz li nikkonfermaw mal-Pulizija li huma kienu ser jiehdu hsieb jaraw li ma jsirx ipparkjar ta' vetturi fit-toroq fejn ser issir l-attivita'. Gie unanimament deciz ukoll li jigu ipprintjati ritratti tal-progetti, xoghlijiet u attivitajiet li wettaq il-Kunsill sabiex jigu esebiti fl-i*stand* tal-Kunsill.

**99/03/07** ***Para 98/03/10 – Laqgha Gharghur FC***: Is-Sindku nforma li huwa kien intalab sabiex fil-15 t' April jattendi laqgha li membri tal-Kumitat tal-Gharghur FC kien ser ikollhom ma' l-Onor. Chris Said.

**99/03/08** ***Para 98/03/11 – Huggiega ta' San Gwann***: Il-Kunsillier A. Muscat informa li mill-ahhar laqgha l'hawn huwa kien ipprova jaghmel l-arrangamenti sabiex din l-attivita' ssir xorta wahda. Huwa ghandu jaghti aktar dettalji fil-laqgha li jmiss.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**99/03/09** ***Para 98/03/14 – Mother & Baby***: L-Agent S.E. informa li sad-data ta' l-gheluq kienu urew interess 6 persuni u fic-cirkostanzi gie deciz li nkellmu lill-Moviment ta' Kana sabiex naraw ezatt x'jinvolvi sabiex tibda ssir din l-attivita'.

**99/03/10** ***Para 98/03/17 – General Fitness Classes***: Il-Vici Sindku spjega li huwa kien f'tahdidiet ma' Bertu's Gym sabiex dawn il-lezzjonijiet isiru fil-Gym u l-Kunsill kien lest li jaghmel z-zewg lezzjonijiet fil-gimgha. Peress li l-ammont li rcivejna taht din l-iskema kien nofs dak li tlabna, gie unanimament deciz li jekk ir-regolamenti finanzjarji jippermettulna li d-differenza tinhareg mill-Kunsill. L-Agent S.E. ser jikkonferma mad-Dipt. tal-Gvern Lokali. Malli tinkiseb din il-konferma isiru l-avvizi necessarji u l-applikazzjonijiet jintlaqghu fuq bazi ta' *First Come First Served*.

**99/03/11** ***Para 98/03/20 – Measures 313 u 125***: L-Agent S.E informa li konna gejna nfurmati ufficjalment li konna ser ninghataw is-somma ta' € 70,338.60 taht il-Fond 313 bhala rizultat ta' applikazzjoni li kienet saret fl-2009. Dan sabiex isir bini mill-gdid tal-Gnien il-Ponta. Is-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt mal-*Paying Agency* f'isem il-Kunsill.

**99/03/12** ***Para 98/05/01 – Bankina fi Triq il-Gnien*** : L-Agent S.E. informa li l-modifika fil-bankina kienet ser issir fil-granet li gejjin.

**99/03/13** ***Para 98/06/01 – Laqgha Perit dwar il-Bini tal-Kunsill*** : L-Agent S.E. informa li din il-laghqa ghandha ssir fil-granet li gejjin.

**99/03/14** ***Para 98/06/02 – Konferenza Drittijiet tal-Konsumatur*** : Il-Kunsillier A. Muscat ikkonferma li huwa kien attenda ghal din il-konferenza.

**99/03/15** ***Para 98/06/11 – Car Show :*** L-Agent S.E. informa li wara li kien kellem lill-min kien ser jorganizza din l-attivita' u dan infurmah li ma setghax icaqlaq id-data, kienu saru l-arrangementi necessarji sabiex din l-attivita' ssir bl-ordni u skond ir-regolamenti tal-Pulizija. Huwa qal li kien sar ukoll qbil dwar bdil fir-rotta tal-karozzi tal-linja.

**99/03/16** ***Para 98/07/01 – Xelter fi Triq Ferdinand :*** L-Agent S.E. informa li kellu laqgha fuq il-post kemm mal-haddied kif ukoll ma' ufficjali ohra mid-Dipt. tad-Distretti dwar l-ahjar mod li ghandha tigi mibnija bankina sabiex fuqha jkun jista jehel ir-*railing*. Saret diskussjoni dwar is-suggett fejn il-Kunsillier M. Mifsud wera nuqqas ta' qbil mal-fatt li kien ser jintilef post ghall-parkegg. Fic-cirkustanzi huwa offra li jgib kwotazzjoni sabiex flok *railing* issir bieba tal-hadid, soda bizzejjed li fuqha tkun tista tipparkja vettura. L-Agent S.E. ghandu jqabbel din l-istima ma dik tad-Dipt tad-Distretti u jinforma lill-Kunsill.

**99/03/17** ***Para 98/07/02 – Bye-Laws Ghar San Brinkat :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem avukat li fil-passat hadem fuq *Bye-laws* ohra u dan infurmah li biex din il-Bye-laws tigi approvata, jenhtieg li jkun hemm raguni valida ghaliex dan l-ghar ghandu jigi protett b'mod differenti minn gherien ohra fil-Gzejjer Maltin. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jinforma lill-avukat li skond ricerka kif tidher mill-ktieb tas-Sur Frans Pace, dan il-post kien jintuza bhal residenza mill-ewwel nies li

gew ir-rahal.

***Il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fit-8:05 p.m.***

**99/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**99/04/01** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

**99/05 Ilmenti u Suggerimenti**

**99/05/01** Talba minn residenta sabiex tehel mera fir-*roundabout* li hemm fi Triq tal-Balal kantuiniera ma' Triq Santa Katerina sabiex jigi ffacilitat il-hrug ta' residenti mir-rahal.

Gie nnotat li diga hemm mera ftit iktar l-isfel mill-post issuggerit u li din it-talba trid tigi mghoddija lill-TM peress li din it-triq hi wahda arterjali..

**99/05/02** Talba sabiex tizdied is-sorveljanza mill-Gwardjani Lokali fi Triq il-Kbira vicin il-bidu ta' Triq il-Gdida.

Gie unanimament deciz li minbarra l-Gwardjani Lokali, ghandhom jigu nfurmati wkoll il-Pulizija.

**99/05/03** Talba sabiex titranga bankina fi Triq Caravaggio.

Gie nnotat li x-xoghol fuq il-bini fejn hemm il-bankina msemmija ghadu mhux lest u l-Kunsill kien ghadu kif ipprocessa talba sabiex fil-propjeta msemmija ssir komunikazzjoni tad-drenagg. Il-Kunsill jinsab infurmat li malli x-xoghol jitlesta, l-bankina ghandha titranga kif kienet qabel.

**99/05/04** Ilment dwar l-istat ta' bankina fi Triq Indipendenza wara li allegatament resident waqa' fuq l-istess bankina.

Gie unanimament deciz li dan l-ilment jigi nvestigat aktar fid-dettal.

**99/05/05** Ilment minn residenti dwar hrug ta' skart minn residenti ta' *Juniper Mews*, jew kmieni hafna jew wara li tghaddi l-i*scammel*.

Gie unanimament deciz li ghal darba ohra terga tinkiteb ittra lir-residenti ta' dan il-post filwaqt li nibghatu l-*Green Warden*s sabiex jaghmlu sorveljanza.

**99/05/06** Ilment dwar vetturi li qed jispiccaw jinzlu fil-parti d-dejqa ta' Triq Fidiel Zarb fejn qed jithalla hafna hmieg u dan l-ahhar instabu ukoll xi seringi.

Gie unanimament deciz li jitwahhal *bollard* sabiex jigi maghluqa l-access ghall-vetturi ghal din il-parti tat-triq. L-access jinghata biss lill-bdiewa li ghandhom l-ghelieqi fl-inhawi.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**99/05/07** Talba sabiex isir arblu bil-bandiera tar-rahal f'nofs ir-*roundabout* li hemm fi Triq tal-Balal kantuniera ma' Triq Santa Katerina.

Gie deciz li din it-talba ghandha tigi riferuta lil TM peress li l-post huwa f'triq arterjali u lill-ELC li huma responsabbli mir-*roundabout* imsemmija.

***Bi qbil bejn dawk prezenti, gie deciz li Item 7 fuq l-Agenda jigi diskuss qabel Item 6***

**99/07** **Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**99/07/01** Is-Sindku nforma li kien gie nfurmat mill-Kappillan li waqt il-Quddiesa tal-10:30 am ta' nhar il-Hadd 10 ta'April, kien ser jinghata gieh lill-ex-Superjur tal-MUSEUM is-Sur Gwido Tanti li kien qed jispicca mir-rahal. Il-Kunsillieri u l-istaff huma mistiedna li jattendu.

**99/07/02** Is-Sindku spjega li fl-ahhar granet kien hemm xi problemi mal-kuntrattur tal-gbir imhallat fejn kien hemm kazi fejn il-kollettur ma kienx liebes il-*High Visibility Garment* u beda l-gbir qabel il-hin stipulat jew ma sarx gbir tal-boroz kollha. Huwa qal ukoll li f'daqqa wahda l-kuntrattur kien bghat il-kontijiet ta' l-i*skip* li hemm fi Gnien il-Paci li hu kien offra minghajr hlas u dan ghax kif qal huwa stess, il-Kunsill kien naqqas gurnata mill-gbir tal-iskart imhallat ghad-detriment tieghu.

Is-Sindku spjega li dwar dan kollu kien kellmu l-Agent S.E. u nfurmah li kien hemm ic-cans li l-Kunsill iwaqqaf il-kuntratt peress li r-relazzjoni mal-kuntrattur kienet sejjra lura u hu qed juri li mhux persuna affidabbli. Il-kuntrattur wara kien offra li jnehhi l-i*skip* b'mod immedjat u jirtira l-kontijiet dwarha pero ma riedx li jkun hemm *Default Notices* fuq il-kaz tal-*HVG*.

Wara li gie evalwat kollox gie unanimament deciz li l-Kunsill inehhi l-i*skip* jekk din kienet ser issir bil-hlas u li minn issa l-quddiem kull nuqqas fis-servizz ghandu jkun formalment indikat lill-Kuntrattur permezz ta' *Default Notice.* L-Agent S.E. ghandu jara li l-Kuntrattur jonora l-obbligi kollha tieghu taht il-kuntratt u jekk ikun hemm nuqqas johrog *Default Notice* minghajr il-bzonn li jirreferi qabel mal-Kunsill.

**99/07/03** Is-Sindku informa li l-gimgha l-ohra l-kollettur tal-gbir ta' l-iskart separat kien ghamel il-gbir permezz ta' trakk mikxuf. Il-Kuntrattur kien qed jghid li ghandu l-permess tal-MEPA sabiex jaghmel dan filwaqt li Green MT qed jghidu li dan ma setghax isir. Il-Kunsill innota li l-ftehim tal-gbir ta' l-iskart separat hu ma Green MT u ghalhekk ahna ghandna insegwu d-direzzjoni tal-Green MT. L-Agent S.E. ghandu jinforma lill-kuntrattur li mhux ser nippermettu li jsir gbir ta' skart permezz ta' trakk miftuh.

**99/07/04** Gie unanimament approvat li fl-okkazjoni ta' Hadd il-Palm, jiddahhal il-kennies extra fil-ghodu sabiex inaddaf qabel il-funzjoni ta' fil-ghaxija.

**99/07/05** Is-Sindku informa li l-Kunsill kien inghata trofew u € 5,000 bhala finalist fil-*Green Challenge Award.*

**99/07/06** Gie deciz li jingiebu kwotazzjoni dwar *stickers* tal-permessi, dejjem jekk il-Kunsill jista jirkupra l-ispizza involuta minghand l-applikanti ghall-permessi.

**99/07/07** Is-Sindku nforma li l-gimgha l-ohra kienet saret laqgha mal-iSpettur tad-Distrett, il-Kappillan u ufficjali responsabbli mill-Purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira li ghaliha attendew il-Kunsillier A. Muscat u l-Agent S.E. fejn giet diskussa l-purcissjoni ta' din is-sena u l-arrangamenti dwar it-traffiku.

**99/06 Korrispondenza**

**99/06/01** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**99/06/02** Korrispondenza minghand il-MEUSAC dwar il-partecipazzjoni fl-*IEE Project* dwar is-SEAP.

Din il-korrispondenza giet innotata.

***Il-Kunsillier A. Muscat halla l-laqgha fid-8:45 p.m.***

**99/06/03** Korrispondenza minghand it-TM fejn inharget l-approvazzjoni sabiex issir *Road Hump* fi Triq l-Indipendenza kif kien talab il-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament approvat li din tigi ordnata minghand Uniking Ltd.

**99/06/04** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar il-Progett INTACT.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**99/06/05** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar Seminar Nazzjonali bit-tema Id-Devoluzzjoni tal-Poter : Bejn Holma u Realta'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**99/06/06** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali li tikkonferma li l-Kunsill kien inghata s-somma ta' € 523.20 taht l-iskema dwar Inzijattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Vici Sindku flimkien mal-Agent S.E. ser jahdmu flimkien fuq din l-iskema.

**99/06/07** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali tikkonferma li l-Appraisal Report tal-Agent S.E. kien gie approvat mid-Direttur kif rakkomandat mill-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**99/06/08** Korrispondenza minghand is-Sur Guido Tanti fit-tmiem tal-perjodu tieghu gewwa r-rahal taghna.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**99/08 Aggornament**

**99/08/01** Il-laqgha giet aggornata fid-8:55 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar l-Erbgha 6 ta' April 2011 fil-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **6 ta' April 2011** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |